MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru. 760/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**PATRICIA BAJADA bint Patricia Lennon, imwielda fid-disgha ta' Novembru, 1956 u residenti Bajada House, Triq ta' Brieret, Xaghra, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita' numru 19249A**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **PATRICIA BAJADA** bint Patricia Lennon, imwielda fid-disgha ta' Novembru 1956 u residenti Bajada House, Triq ta' Brieret, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 19249A giet mressqa quddiemha u akkuzata talli nhar it-tletin (30)

ta’ Awissu elfejn u sitta (2006) ghal habta tas-sebgha w kwart ta’ filghodu, fi Triq ta’ Brieret, Xaghra, Ghawdex:-

1. f’dawn l-ahhar tlett (3) xhur zammet kelb minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqset li tiehu kura tal-kelb taghha milli jhebb ghal Yvonne Said mix-Xaghra u ghalhekk huwa kkunsidrat bhala perikoluz.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-okkorrenza relattiva u l-affidavits ta’ PS 1377 Emanuel Cilia u PS 73 Josef Camilleri.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Charles Said.

Semghet lil imputata tiddikjara seduta stante li kienet qed tobbliga ruhha li mill-lum’l quddiem il-kelb hija kienet ser tohorgu bic-cinga.

Ikkunsidrat:

**Ghalhekk l-Qorti wara rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3(1) u 14(1)(4) tal-Att numru 21 tas-sena 1985, tiddikjara li ssib lil imputata PATRICIA BAJADA hatja tat-tieni [2] akkuza u tikkundannaha ghal canfira filwaqt li tiddikjara li ma ssibhiex hatja tal-ewwel [1] akkuza u tilliberaha minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------